Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 288/2018

Il-Pulizija

Vs

Kenneth Fenech MacKay

Illum 14 ta' Frar 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Kenneth Fenech MacKay detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 281282M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar id-29 ta' Marzu 2018 gewwa dawn il-gzejjer Maltin permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel xi reat jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil Charmaine Fenech Mackay taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra taghha, jew biex immalafama lil Charmaine Fenech Mackay, jew xi persuni ohra jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurtà ta' Charmaine Fenech Mackay skont it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurtà tal-persuna offiza jew individwi ohra skont it-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-13 ta' Gunju, 2018, fejn il-Qorti rat l-Art 49 (a) (b) (c) tal-Kap 399. Sabet lill-imputat hati u kkundannatu ghal €500 multa u b'applikazzjoni tal-Art 383 ordnatlu biex ma jimmolestax lil Charmaine Fenech Mackay ghal perjodu ta' sena millum taht penali ta' €1000.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Kenneth Fenech McKay,ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Gunju 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-13 ta' Gunju 2018 mill-Magistrat Dr. Grazio Mercieca LL.D. billi thassarha f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija. Fin-nuqqas, tvarja s-sentenza moghtija billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u ordnat il-hrug ta' ordni ta' protezzjoni fit-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tbiddilha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal hlas ta' hames mitt ewro (EUR 500) multa, konsegwentement tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Kenneth Fenech McKay huma s-segwenti u cioe`:-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti.

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti quddiemha.

Illi mill-ewwel jinghad illi l-ewwel dikjarazzjoni li ghamlet il-parte civile bil-gurament taghha quddiem l-Ewwel Qorti kienu l-precizi kelmiet *"jiena ma nafx kif din waslet s'hawn"*, u aktar tard in kontro-ezami kkoncediet illi kemm qabel, kif ukoll wara l-incident de quo, ir-rikorrent acceda fil-fond matrimonjali u kienet hija li talbitu jigi biex ikunu jistghu jsiru xi xoghlijiet fid-dar - xi haga li indubjament l-ebda persuna mhedda ma kienet ser thalli lill-aggressur taghha jaghmel!

Illi minkejja dan, il-parte civile f'dawn il-proceduri allegat illi r-rikorrent kien heddidha permezz tat-telephone ghaliex qal li kien ser jigi u jahraq id-dar. Naturalment dan gie, u qieghed jigi kkontestat partikolarment ghall-fatt illi d-diskors li ntqal zgur li ma kellu l-ebda intenzjoni li jqajjem il-biza' fl-istess Charmaine Fenech McKay u li se mai, anke li kieku kellu din l-intenzjoni, zgur li ma qanqal l-ebda biza' fiha ghall-fatt illi minn dakinhar huwa acceda fil-fond minghajr problemi ta' xejn u anke fuq talba taghha - li kieku din verament kienet l-intenzjoni tal-appellant, u li kieku verament il-parte civile hassitha mhedda, zgur li dan ma kienx isehh.

Illi l-esponent jifhem illi huwa nstab hati ghal parti tal-artikolu 49 (a) (b) u (c) li tirreferi ghat-theddid, stante li dak li ntqal gie interpretat bhala theddida.

Illi hawnhekk l-esponent jaghmel ampja referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Gauci** moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Gunju 2003 fejn dwar it-theddid intqal hekk:

"Biex ikun hemm theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta - bil-kliem, gesti jew b'mod iehor - xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv. Huwa veru li ma hemmx ghalfejn li l-hsara prospettata tkun determinata fis-sens li jigi indikat b'xi grad ta' precizjoni l-interess, guridikatament relevanti, tas-suggett passiv li jkun qed jigi minaccat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jghid: "e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro`

vedere di che cosa sono capace'". Pero` dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bazi oggettiva".

Illi f'dan l-isfond jinghad illi in kontro-ezami, il-parti civili stqarret illi r-rikorrent qatt u fl-ebda cirkostanza qatt ma kien vjolenti maghha jew ma' haddiehor u ghaldaqstant ma jaghmel l-ebda tip ta' sens li hija tkun bezghana minnu, anke peress illi fl-ebda hin ma jirrizulta li hija bezghet minn dan id-diskors tieghu. Jirrizulta biss li huwa kien qieghed juri l-frustrament tieghu ghall-fatt li kienet qieghda tipprova, wara snin ta' xoghol u investimenti fid-dar, u wara li ghogobha tittermina r-relazzjoni taghhom, thallih ta' fuqu senduqu.

Illi l-fatt li ma jirrizulta minn imkien li huwa xi darba kien vjolenti jew li dan id-diskors nissel fiha l-biza', kellu biss iwassal ghal-liberatorja tar-rikorrent.

Illi umilment jigi rilevat illi minkejja t-test oggettiv, wiehed dejjem irid janalizza bir-reqqa dak li jirrizulta mill-provi prodotti, f'liema eventwalità l-Ewwel Qorti setghet facilment waslet ghall-konkluzjoni illi l-esponent dahal fid-dar anke wara dan l-incident u baqa' jaccedi ghal uliedu, u ghadha sa issa wkoll tibghatlu l-messaggi u titolbu l-flus ghal uliedhom anke b'ton dispreggjattiv. Dan kollu mehud mal-fatt illi l-esponent ghandu fedina penali netta, qatt ma kien vjolenti fil-konfront ta' hadd, ahseb u ara ta' martu, ftit li xejn nistghu nikkonkludu li dak li ntqal seta' b'xi mod jew iehor jigi kkunsidrat bhala theddida.

Illi tenut kont dan kollu, huwa altro che car illi l-parte civile mhux talli ma kinitx bezghana konsegwenza ta' dan l-incident, b'tali mod illi d-diskors li ntqal jista' jigi kkonsidrat bhala theddida, talli huwa car ghal kollox, anke mix-xhieda li digà tat quddiem l-Ewwel Qorti illi, ir-rapport li sar ma kien xejn hlief tentattiv iehor sabiex tkompli ddejjaq u tivvessa lir-rikorrent appellant fil-proceduri ta' medjazzjoni, u jkollha biex tkompli tiehu r-rih minn sitwazzjoni li mmanipulat hija stess - huwa ghal kollox car ghar-rikorrent illi l-intenzjonijiet taghha jmorru ferm lil hinn minn dawn il-proceduri u minn dan ir-rapport.

Illi in linea sussidjarja, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirreferi wkoll ghal dik il-parti tas-sentenza fejn huwa gie kkundannat ghal hlas ta' hames mitt ewro (EUR 500) multa.

Illi bid-dovut rispett, anke jekk l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 jipprospetta multa fil-massimu ta' tlieta u ghoxrin elf, mitejn u tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (EUR 23,293.73), l-istess artikolu ma jippreskrivi l-ebda minimu ta' multa li ghandha tinghata f'kaz ta' sejbien ta' htija. Illi minkejja li din il-multa qieghda estremament fil-parametri tal-ligi, xorta wahda hija eccessiva meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha in dezamina.

Illi ghalhekk hemm lok illi dina l-multa wkoll tigi riveduta.

Rat l-affidavit esebit fl-atti a dol. 3 ta' **PC 873 D.Attard**. Dan spjega illi fid-29 ta' Marzu ,2018 ghal habta tat-15.00 gewwa l-ghassa tal-puliija tan- Naxxar Charmine Fenech MC Kay rraportat li ghall-habta ta' bejn is-13.07 u s-13.27 irceviet telefonata fuq il-mobile phone taghha 99074085 minghand ir-ragel taghha Kenneth minn fuq il-linja 99453298 li mieghu bdiet bil-proceduri ta' sepraazzjoni fejn waqt il-konversazzjoni huwa heddidha bil-kliem li hi giet f'dubbju jekk qallhiex *'Nigi nahraglek kul mhemm'* jew *'nigi nahraqlek id-dar'* u Charmaine qatghet il-linja fejn ftit tal-hin wara rega cempel fejn Charmaine ma irrisponditiex. Charmaine kompliet tistqarr illi hija toqghod id-dar flimkien mat-tfal taghha u Kenneth joqghod ghand ommu.

Ikkunsidrat,

L-appellant irraporta l-ghassa tal-pulizija tan-Naxxar fid-29 ta' Marzu, 2018 ghal habta tal-16.05hrs sabiex jigi mitkellem fejn qabel nghata s-solita' twissija u drittijiet kif ukoll id-dritt li jikkonsulta ma avukat tieghu, fejn accetta, ghamel kuntatt ma Dr. Hili permezz ta' telefon u ffirma dikjarazzjoni. Rigward dan ir-rapport Kenneth stqarr illi cemplet Charmaine ghall-habta tas-13.06hrs u cempel Kenneth lura ghal-habta tas-13.07hrs fejn din it-telefonata damet madwar ghoxrin minuta u tlettax-il sekonda. Kenneth stqar illi Charmaine kienet cemplet sabiex tavza lil Kenneth li sejra ghand l-Avukat taghha bejn il-17.00 u l-17.30 u tghidlu sabiex jibghat ittra lill-

Avukat ta' Kenneth u javzah sabiex jiehu dghajsa, il-karozza Ford Focus u l-ghodda kollha fejn Kenneth qalilha li l-ammont tad-dghajsa, tal-karozza u tal-ghodda kien inqas milli hareg.

Kenneth stqarr illi bejn €23,000 u €28,000 harigihom qabel iz-zwieg u hu kien ighid li jekk jinqala xi haga wara zwieg jew qabel Kenneth jiehu flus u mhux materjal izda hija baqghet tghid li flus mhux se tohrog ghax m'ghandhiex minn fejn, u qalilha li tista' ittih minn tal-wirt u tal-insurance. Kenenth qaliliha li kieku b'dawk xtara garage u dan kien ikun tieghu zgur. Charmaine qalet li hi mhux ser tammetti li kien hu zebgha d-dar, dahhal ir-ramel u t-torba, qassam il-madum, ghadda id-dawl u l-ilma, air conditioners, gab fajjenza tal-kamra tal-banju, l-ghamara tal-wash room, zewg bibien tal-washroom, RO reverse osmosis, toilet u shower, l-water heater, il-poggaman u s-sopraporti ta' tmien piedi u ohra ta' sitta u nofs, head board tal-kamra tas-sodda, tal-komodini u hadida tal-purtiera. Kenneth qalilha li rigward dan trid tiehu gurament il-Qorti fejn hi rrispondietu li rigward dan kollu tista' tgiddbu ghax m' ghandu provi ta' xejn. Kenneth qalilha li hi u r-ragel ta' ohtha giddibin ghax bdew ighidulu biex inehhi l-ghodda min hemm halli ikunu jistghu jikru l-garage fejn huwa dejjem dahhal l-affarijiet bil-kunsens taghha u ta' missierha. Charmaine qaltlu li hi mhux ser tohrog one cent imgiddem u f'sahna tal-mument qalilha *'Mela nharaqlek id-dar halli ma niehdu it-tnejn xejn.'*

Ta' min jghid li Kenneth stqar li t-theddid li sar ma kienx intenzjonat ghal gurnata qabel u cioe' fit-28 ta' Marzu, 2018, Kenneth mar id-dar fejn Charmaine dahlitu d-dar gewwa biex hi tmur taghmel dufrejha u hu joqgod jghaddi il-cable ma tal-GO u joqghod mat-tfal. Kevin stqarr li kieku ried jahraq id-dar kellu kull cans.

Kenneth xtaq izzid illi waqt li l-Gimgha l-ohra kien qed johrog l-affarijiet li ppakkjatlu Charmaine stess kien sab borza bid-dehbijiet tat-tifla Zyen dawn tahomlha mal-bagalja il-vojta sabiex terga' timliha bil-hwejjeg.

Kenneth gie avzat li rigward l-affarijeit civili jiehu parir minghand l-avukat tal-fiducja tieghu u rigwar it-theddid ser jinahrgu l-akkuzi fil-konfront teighu.

Rat l-affidavit ta' **Anthony Bonnici** bhala rapprezentant tas-socjeta GO plc u dan fil-kariga tieghu ta' Data Requests administrator u esebixxa data ta' calls li kienu originating by phone number 99453298.

Jidher skond il-verbal tat-13 ta' Gunju 2018 (fol. 10) dakinhar ts-seduta xehdu ukoll l-kwerelanti Charmaine Fenech McKay u wara li l-prosekuzzjoni iddikajrat li m'ghandhiex aktar provi xehed ukoll l-appellant. Jinghad pero' li x-xhieda taghha ma gietx dattilografata.

Rat ukoll l-okkorenza datata 29 ta' Marzu, 2018 mehuda minn PC 873 Danuel Attard (fol. 11A).

Ikkunsidrat,

Illi ma hemmx dubbju li l-ewwel Qorti waslet ghal gudizzju taghha a bazi tax-xhieda tal-kwerelanti u tal-appellanti stess.

Ili nhar is-17 ta' Jannar, 2019 dehret l-kwerelanti Charmaine Fenech Mckay u stqarret li hija l-mara tal-appellant u li ma xtaqiext tixhed f'dawn il-proceduri. Stqarret ukoll li kienet ghaddejja minn problemi familjari u cioe' li kienu taw lok ghall-proceduri ta' separazzjoni personali izda ricentement kien hemm rikonciljazzjoni ma zewghha tant li qed jghixu flimkien fl-istess dar bhala familja.

Il-Qorti spjegat l-konsegwenza ta' ghemilha u cioe' jekk hija taghzel li ma tixhidx u l-kwerelanti iddikarjat li fehmet l-kosnegwenza tal-agir taghha pero' cio' nonostatne ghazlet li tinsisti fuq l-ghazla taghha li ma tixhidx.

Il-Qorti rat l-**artikolu 633(1)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

633.(1) "*Ebda eċċezzjoni kontra l-kompetenza ta' xhud matista' tingħata minħabba li hu jkun il-parti li għamlet id-denunzja,jew il-kwerela, jew ir-rapport jew ir-rikors li fuqhom ikunu nbdewil-proċeduri, inkella minħabba li x-xhud ikun jiġi mid-demm jewimħallat bi żwieġ, jew minħabba li jkollu kuntratt, impieg, jewinteress ieħor mal-parti hawn fuq imsemmija, jew mal-imputat jewakkużat; imma f'kull każ bħal dan, ix-xhud jiġi mismugħ, u mingħandu jiġġudika l-fatti, meta jkun għal kollox persważ u konvint lix-xiehda hija vera, għandu*

*jipproċedi fuq dik ix-xiehda bl-istessmod sħiħ u ferm, daqs li kieku dawk il-fatti ġew ippruvati minnpersuna barranija jew minn wieħed li m'għandu xejn x'jaqsam kifjingħad hawn fuq.*

*(2) Madankollu, jitħalla fid-diskrezzjoni tal-qorti, li tieħu qiestal-grad ta' qrubija tax-xhud mid-demm, tal-mod li bih huwa juri likieku ma jixtieqx jixhed kontra s-sieħeb tiegħu jew tagħha f'unjoniċivili jew kontra l-koabitant tiegħu jew tagħha, kontra axxendentjew dixxendent, jew kontra ħuh, oħtu, iz-ziju, in-neputi, u ta'ċirkostanzi partikulari oħra tal-każ, biex ma ġġegħelx jixhed ix-xhud illi juri li jixtieq li ma jixhedx kontra persuna li tiġi minnuf'xi wieħed jew ieħor mill-gradi hawn fuq imsemmija"*

Ghalhekk in vista ta' dak li ddeponiet il-kwerelanti u cioe' li hija l-mara tal-appellant u c-cirkostanzi partikolari tal-kaz ghaliex ma tridx tixhed u dan ghaliex qed tirrikoncilja z-zwieg taghha, thoss li hija raguni valida ghaliex ghandha tezentaha milli taghti x-xhieda taghha u kien ghalhekk li din il-Qorti laqgeht it-talba taghha.

In vista tal-fatt li din l-Qorti hija ghandha quddiema fatti differenti milli kellha l-ewwel Qorti u dan ghaliex in vista tal-fatt li l-kweralanti ma xtaqitx tixhed kontra zzewgha l-appellant u in vista' tal-fatt li ma kien hemm l-ebda xhud okkulari iehor tal-allegat incident salv l-ufficcjal tal-pulizija li rraporta dak li kien intqal minnu mill-kwerelanti u mill-appellant tiddikjara li qed tirrevoka is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u tiddikjara li ma ssibx lill-appellant hati tal-akkuzi u tilliberah minnhom.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur